# F'EGĦLUQ IS-SEBGĦIN SENA MILL-MEWT TA' MRO. ORLANDO CRESCIMANNO

Is-Surmast Orlando Crescimanno twieled nhar it-13 ta' Frar, 1861 bin Giovanni Orlando u Michelina neè Bonnici. Mro Crescimanno studja l-mużika taħt Mro Giuseppe Malfiggiani von Walgenschafer u Mro Anton Nani.

Mro O. Crescimanno kien dam mal-Banda l'Unjoni bejn is-sena 1904 u s-sena 1912. Kemm dam Surmast mal-Banda, il-Banda għamlet avvanzi kbar. Infatti fir-raħal ta' Ħal Luqa, fil-Ġimgħa l-Kbira kienu bdew jindaqqu Innijiet Sagri akkumpanjati bil-Kor tat-Tfal. Dawn kienu "La Croce" u "Stava Maria Dolante". Barra dawn kompla mela l-arkivju tas-Soċjetà bl-Innu Sant' Andrija, Innu taċ-Ċintura, Innu Religioso, Sinfonia Premier, Marcia l-Unione, Marcia Sinfonica – Gli Eroi, Charmart, Tolanda, Capri, Valzer-Tzigane, Marci Funebri u ħafna xogħol li impossibbli li nsemmuhom kollha.

Wara li spiċċa minn mal-Banda hu mar mal-Banda Leone tar-Rabat Għawdex, fejn kompla bis-suċċess.

Mro Orlando Crescimanno ħalla din id-dinja fit-22 ta' Diċembru, 1923.

**Bandist Anzjan**



**Mro. Orlando Crescimanno**